## Qorti tal-Maġistrati (Malta)
## Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 19 ta' Diċembru, 2024

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR ANTONELLO MAGRI)**

**VS**

**OMISSIS**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Omissis** ta' XX sena, detentur tal- karta tal-identità bin-numru omissis imwieled omissis nhar omissis iben omissis u omissis nee' omissis residenti fi omissis u akkużat talli bejn is-16 ta' Diċembru 2024 u s-17 ta' Diċembru 2024 ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Bl-imġieba tiegħu kkaġuna lil omissis (siehba tiegħu ta' qabel) biża' li ser tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-propjetà tagħha jew kontra l-persuna jew propjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1), meta hu kien jaf jew messu kien jaf li l- imġieba tiegħu se tikkaġuna lil omissis jew il-persuni msemmija f'din l-

imputazzjoni biżà li se titntuża vjolenza kontriha; liema reat huwa aggravat stante li twettaq (i) kontra is- sieħba ta qabel (ii) repetutament u dan bi ksur ta' artikoli 251B (1); 251B (2); 251H; 251HA u 202(h) tal-Kodiċi Kriminali ta' Malta.

2. Ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil omissis, (sieħba ta' qabel tiegħu) jew ġab ruħu b'mod li kien jaf jew missu kien jaf li dan kien ta fastidju għal omissis, (sieħba ta' qabel tiegħu) liema reat hu aggravat stante li twettaq (i) kontra s-sieħba ta qabel u (ii) repetutament u dan bi ksur ta' artikolu 251A (1)(a); 251A (4); 251HA u 202(h) tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluż fil-mori tal-kawża kontra omissis għall-benefiċċju ta' omissis u dan ai termini ta' artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għas-sigurtà ta' omissis, dan u f'każ ta' ħtija ma kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta' ħtija minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mill-liġi, tordna lill-imsemmija persuna thallas id-danni stabbiliti skond l-artiklu 532A tal-Kodiċi Kriminali.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat rreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi il-parte civile omissis u l-akkużat kienu f'relazzjoni bejniethom għal madwar sentejn u nofs, liema relazzjoni ntemmet madwar xahrejn ilu da parti tal-parte ċivile. Jirriżulta li bejn is-16 ta' Diċembru 2024 u s-17 ta' Diċembru 2024 l-akkużat għamel numru kbir ta' telefonati lejn in-numru taċ-ċellulari tagħha. Hi ċemplet lis-Sezzjoni tal-Vjolenza Domestika fejn qaltilhom li qed tibża' minnu. Jirriżulta wkoll li dakinhar tas-16 ta' Diċembru 2024 u anke fis-17 ta' Diċembru 2024, l-akkużat mar fuq il-post tax-xogħol tal-parte ċivile sabiex ikellimha.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħha, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li din m'hijiex l-ewwel darba li l-akkużat xellef difrejh mal-liġi. Il-Qorti tara li l-komportament tal-akkużat dakinhar ta' bejn is-16 ta' Diċembru 2024 u s-17 ta' Diċembru 2024 ikkrea biża reali lill-parte ċivile, tant li kellha tirrikorri għand il-Pulizija sabiex tagħmel ir-rapport odjern. Illi l-Qorti tqis li dan il-komportament m'huwiex aċċettabbli fis-soċjetà Maltija u li l-piena m'għandhiex tkun waħda lejn il-minimu. Min-naħa l-oħra, l-Qorti semgħet li l-akkużat għandu problema tal-abbuż mid-droga u anke diffikultajiet fit-trobbija tiegħu u jkun aħjar għalih jekk jingħata t-trattament meħtieġ, bil-garanziji kollha, u jkun segwit minn uffiċjal tal-probation, aktar milli jingħata sentenza karċerarja effettiva.

**Deċide:**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 31, 251A(1)(a)(4), 251B(1)(2), 251H, 251HA u 202(h) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Omissis <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u qed tikkundannah għal piena ta' tmintax-il (18) xahar priġunerija li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tordna li din il-piena ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk matul il-perijodu ta' tlett (3) snin mil-lum, jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija;

Illi ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem ir-responsabbilità tiegħu taħt l-artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali jekk huwa jikkommetti, matul il-perijodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Inoltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kodiċi Kriminali, stante li din is-sentenza tissodisfa l-kriterji stabbiliti mill-istess Artikolu u b'żieda mal-piena hawn mogħtija, il-Qorti qed tpoġġi lill-ħati taħt superviżjoni ta' uffiċjal sorveljanti u dan taħt dawk il-kondizzjonijiet elenkati fl-Ordni ta' Superviżjoni mogħti kontestwalment;

Illi ai termini tal-Artikolu 28G(8) tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti spjegat lill-ħati bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-Ordni ta' Superviżjoni.

Inoltre, Inoltre, għall-fini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna wkoll il-ħrug ta' Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħati sabiex jingħata t-trattament meħtieġ u dan skont il-kondizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment, inkluż li jingħata kwalunkwe għajnuna psikjatrika u/jew psikoloġika jekk meħtieġa;

In oltre, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed tagħmel ordni ta' trażżin fil-konfront tal-ħati a favur ta' Omissis għall-perjodu ta' sentejn (2) li għandu jibda jiddekorri mid-data tal-lum u dan bil-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet mogħti kontestwalment;

Illi finalment, il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-talba tal-prosekuzzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta stante li ma ġew nominati ebda esperti f'dawn il-proċeduri.

**ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**